

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1242**tal-10 ta' Lulju 2017**

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(a) u (b) u l-Artikolu (78)(b) u (c) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 ⁽²⁾ jistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjonijiet ta' għajnunha għall-bhejjem u mat-talbiet għall-pagamenti skont il-miżuri ta' appoġġ relatati mal-annimali. Fil-każ ta' ċiklu tal-produzzjoni qasir b'rata għolja ta' sostituzzjoni tal-annimali, l-għadd ta' annimali li fuqu titressaq talba għall-pagament għall-bhejjem skont il-miżura prevista fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, jista' jinbidel b'mod sinifikanti matul is-sena tat-talba. Dan jista' jwassal għal differenza sostanzjali bejn l-għadd ta' annimali ddikjarat fit-talba għall-pagament għall-bhejjem u l-għadd ta' annimali li eventwalment se jibbenefikaw minn kundizzjonijiet aħjar tal-benessri. B'konsegwenza ta' dan, l-għadd ta' annimali ddikjarat fit-talba għall-pagament għall-bhejjem jirriżulta li huwa biss indikattiv. Fir-rigward ta' daww l-ispeċijiet b'ċiklu ta' produzzjoni qasir, l-Istati Membri għaldaqstant jenħtieġ li jitħallew jistabbilixxu sistema li tippermetti li l-benefiċjarju japplika għall-appoġġ fir-rigward tal-annimali kollha li jikkwalifikaw għall-appoġġ f'data jew matul perjodu determinat mill-Istat Membru. Fin-nuqqas ta' bażi ta' dejta kompjuterizzata, għandu jkun possibbli li jiġi stabbilit l-għadd attwali ta' annimali abbażi taċ-ċertifikati tat-tbiċċir jew ta' dokumenti ta' sostenn oħra sottomessi lill-awtorità kompetenti wara d-data tas-sottomissjoni tat-talba għall-pagament għall-bhejjem.
- (2) L-applikazzjoni ta' kriterji tal-għażla mhijiex obligatorja għall-miżuri kollha jew għat-tipi kollha ta' operazzjonijiet. Għaldaqstant, il-verifiki amministrattivi mwettqa fuq l-applikazzjonijiet għall-appoġġ għandhom jinkludu biss il-verifika ta' dak l-element meta jkun meħtieġ.
- (3) Il-verifika ta' kemm huma ġustifikati l-ispejjeż issir fl-istadju tal-verifiki amministrattivi relatati mal-applikazzjoni għall-appoġġ u abbażi ta' sistema ta' evalwazzjoni definita. Madankollu, għandhom japplikaw regoli speċifiċi meta r-riskju tal-ispejjeż mhux ġustifikati jkun baxx jew meta l-kontenut tal-ispejjeż ma jkunx jista' jiġi definit qabel l-implimentazzjoni tal-operazzjoni.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 67(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, l-ammont ta' appoġġ jista' jiġi stabbilit abbażi ta' skali standard ta' spejjeż unitarji, somom f'daqqa jew rati fissi. F'każijiet bħal dawn, il-verifiki amministrattivi ma għandhomx jinkludu l-verifika tal-ammont tal-ispejjeż imġarrba u l-pagamenti li jkunu saru mill-benefiċjarju.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 69).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (5) Ir-regoli dwar il-verifiki li japplikaw għall-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu adattati biex jiġi żgurat li jkun hemm konsistenza mar-regoli ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 ⁽¹⁾ u biex jittieħed kont tal-ispeċifitàjiet tal-appoġġ mogħti fil-forma ta' strument finanzjarju.
- (6) In-nefqa soġġetta għall-verifiki fuq il-post ma għandhiex tkun in-nefqa li għandha titħallas, iżda n-nefqa li tkun intalbet mingħand l-aġenzija tal-pagamenti. Billi n-nefqa li għandha titħallas tista' tiġi ddeterminata biss wara li jkun tlestew il-verifiki kollha, jekk dik in-nefqa tkun soġġetta għall-verifiki, il-kisba tar-rata tal-kontroll ma tkunx prevedibbli. Barra minn hekk, in-nefqa soġġetta għall-verifiki fuq il-post ma għandhiex tinkludi l-infiq magħmul mill-aġenzija tal-pagamenti biss għall-pagamenti bil-quddiem, billi dik in-nefqa ma tikkorrispondix man-nefqa mgħarrba mill-benefiċjarju. Ukoll, in-nefqa relatata mal-istrumenti finanzjarji jenħtieġ li tiġi kkunsidrata biex tinkiseb ir-rata minima ta' kontroll sal-punt biss li tkun effettivament ivverifikata mill-awtorità kompetenti. Biex jiġi żgurat li r-rata minima ta' kontroll tiġi ssodisfata kull sena kalendarja, jenħtieġ li l-verifiki jitwettqu sad-data prevista għas-sottomissjoni tad-dejta ta' kontroll u tal-istatistika ta' kontroll stipulata fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014.
- (7) Biex il-verifiki ma jiġux ripetuti bla bżonn, il-verifiki fuq il-post għandhom ikopru biss l-elementi li jkunu għadhom ma ġewx soġġetti għal verifiki amministrattivi.
- (8) Skont l-Artikoli 48 u 51 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, il-verifiki għandhom jivverifikaw il-konformità ma', *inter alia*, il-kriterji tal-eliġibbiltà, l-impenji u obbligi oħra. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 50(4)(a) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, il-kampjun tal-operazzjonijiet li għandhom jiġu verifikati fuq il-post irid iqis il-ħtieġa li jiġi vverifikat kombinament xieraq ta' tipi u daqsijiet ta' operazzjonijiet. Għaldaqstant, huma meħtieġa d-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-miżuri dwar is-suġġett jew l-intensità tal-verifiki stipulati fl-Artikoli 54 sa 59 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014.
- (9) Fir-rigward tal-penali amministrattivi, f'kull każ, in-nefqa kkontrollata għandha tkun in-nefqa li tkun intalbet, biex ikun żgurat it-trattament ugwali tal-operazzjonijiet li jintgħażlu u ta' dawk li ma jintgħażlux għall-verifiki fuq il-post.
- (10) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.
- (11) L-emendi li saru b'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għall-applikazzjonijiet għall-appoġġ jew għat-talbiet għall-pagament relatati mas-snin tat-talba jew mal-perjodi tal-primjum li jibdw mill-1 ta' Jannar 2018. Madankollu, filwaqt li jitqiesu d-diffikultajiet li ħabtu wiċċhom magħhom l-Istati Membri fis-sena tat-talba 2015 meta kellhom jadattaw is-sistemi tagħhom sad-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tat-talba għall-pagament għall-bhejjem stabbilita fl-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014, kif ukoll għas-sistema ta' riduzzjonijiet, esklużjonijiet u penali prevista fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 ⁽²⁾, id-dispożizzjoni li tippermetti l-għadd reali ta' annimali ta' speċijiet b'ċiklu ta' produzzjoni qasir li għandu jkun stabbilit abbażi ta' ċertifikati tat-tbiċċir jew dokumenti ta' sostenn oħra sottomessi lill-awtorità kompetenti wara s-sottomissjoni tat-talba għall-pagament għall-bhejjem, għandha tapplika għat-talbiet għall-pagament relatati mas-snin tat-talba li jibdw mill-1 ta' Jannar 2016.
- (12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Iżvilupp Rurali,

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (ĠU L 138, 13.5.2014, p. 5).

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità (ĠU L 181, 20.6.2014, p. 48).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 21, jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

“4a. Għal speċijiet b'ċiklu ta' produzzjoni qasir appoġġati skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, l-Istati Membri jistgħu, fin-nuqqas ta' bażi tad-dejta kompjuterizzata, jintroduċu proċeduri li bihom id-dejta li tinsab fiċ-ċertifikati tat-tbiċċir jew f'dokumenti ta' sostenn oħra tintuża għall-iskopijiet tat-talba għall-pagament għall-bhejjem. Dik id-dejta għandha toffri l-livell tal-assigurazzjoni u tal-implimentazzjoni meħtieġ għall-ġestjoni xierqa tal-miżura ta' appoġġ involuta fil-livell tal-annimali individwali.

Il-proċeduri msemmijin fl-ewwel sottoparagrafu jistgħu jikkonsistu minn sistema li skontha benefiċjarju japplika għall-appoġġ fir-rigward tal-annimali kollha li, fid-data stabbilita mill-Istat Membru jew matul perġodu stabbilit minnu, ikunu jikkwalifikaw għall-appoġġ abbażi tad-dejta li tinsab fiċ-ċertifikati tat-tbiċċir jew f'dokumenti ta' sostenn oħra.

F'dak il-każ, l-Istat Membru għandu jieħ u l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-miżura ta' appoġġ inkwistjoni, id-data jew il-perġodu msemmija fit-tieni sottoparagrafu jkunu identifikati u magħrufa sew mill-benefiċjarju.”

(2) L-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) Il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

“(c) il-konformità mal-kriterji tal-għażla, meta japplikaw daww il-kriterji;”

(ii) il-punt (e) jinbidel b'dan li ġej:

“(e) għall-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 67(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, minbarra l-kontribuzzjonijiet *in natura* u d-deprezzament, verifika ta' kemm huma raġonevoli l-ispejjeż imressqin. L-ispejjeż għandhom jiġu evalwati permezz ta' sistema xierqa ta' evalwazzjoni, bħall-użu ta' spejjeż ta' referenza, it-tqabbil ta' offerti differenti jew l-evalwazzjoni min-naħa ta' kumitat tal-evalwazzjoni. Għal operazzjonijiet b'rata ta' appoġġ sa 30 % jew għall-operazzjonijiet appoġġati skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, il-verifika ta' kemm huma raġonevoli l-ispejjeż tista' titwettaq fl-istadju tal-verifika amministrattivi fuq it-talbiet għall-pagamenti. Għal operazzjonijiet bi spejjeż eliġibbli sa EUR 5 000, il-verifika ta' kemm huma raġonevoli l-ispejjeż tista' tiġi stabbilita permezz ta' abbozz tal-baġit miftiehem *ex ante* mill-awtorità tal-ġestjoni.”

(b) Fil-paragrafu 3, il-punti (a) u (b) jinbidlu b'dan li ġej:

“(a) l-operazzjoni kompluta mqabbla mal-operazzjoni li għaliha tkun inġatata l-applikazzjoni għall-appoġġ;

(b) l-ispejjeż imġarba u l-pagamenti li jkunu saru, ħlief meta jkunu ġew applikati forma jew metodu kif imsemmija fl-Artikolu 67(1)(b), (c) jew (d) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.”

(c) Jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

“6. Fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 38(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-paragrafi minn 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu la għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni għall-istrument finanzjarju u lanqas għall-appoġġ lill-benefiċjarju finali. Madankollu, għandhom japplikaw l-Artikoli 58 u 59 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 (*).

(*) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (ĠU L 138, 13.5.2014, p. 5).”

(3) L-Artikolu 50 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel sottoparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

“In-nefqa koperta minn verifiki fuq il-post għandha tirrappreżenta tal-anqas 5 % tan-nefqa msemija fl-Artikolu 46 u kkofinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) li tintalab mingħand l-aġenzija tal-pagamenti kull sena kalendarja u li ma tinkludix operazzjonijiet li għalihom ikunu ntalbu biss pagamenti bil-quddiem.”

(ii) jiżdied it-tielet sottoparagrafu li ġej:

“Fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji, il-pagamenti lill-benefiċjarji finali soġġetti għall-verifiki fuq il-post biss għandhom jingħaddu man-nefqa koperta mill-verifiki fuq il-post kif imsemmi fl-ewwel sottoparagrafu.”

(b) Fil-paragrafu 2, l-ewwel sottoparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

“Il-verifiki mwettqa biss sad-data prevista għas-sottomissjoni tad-dejta ta' kontroll u tal-istatistika ta' kontroll skont l-Artikolu 9 għandhom jingħaddu mal-akkwist tal-livell minimu msemmi fil-paragrafu 1.”

(4) L-Artikolu 51 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. Il-verifiki fuq il-post għandhom jivverifikaw li l-operazzjoni tkun ġiet implimentata skont ir-regoli applikabbli u għandhom ikopru l-kriterji kollha tal-eliġibbiltà, l-impenji u l-obbligi l-oħra kollha relatati mal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ, li jistgħu jiġu ċekkjati waqt iż-żjara u li ma jkunux ġew soġġetti għal verifiki amministrattivi. Dawn għandhom jiżguraw li l-operazzjoni hija eliġibbli għall-appoġġ mill-FAEŻR.”

(b) Jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

“5. Fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji msemija fl-Artikolu 38(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, il-paragrafi minn 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu la għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni għall-istrument finanzjarju u lanqas għall-appoġġ lill-benefiċjarju finali. Madankollu, għandhom japplikaw l-Artikoli 58 u 59 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 480/2014.”

(5) Jiħassru l-Artikoli 54 sa 59.

(6) Fl-Artikolu 60, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

“4. B'deroga mill-Artikolu 48(2)(e), fir-rigward ta' operazzjonijiet implimentati minn grupp ta' azzjoni lokali u li jkopru grupp ta' proġetti b'tema komuni, il-verifika ta' kemm huma raġonevoli l-ispejjeż tista' titwettaq fl-istadju tal-verifiki amministrattivi fuq it-talbiet għall-pagament għal dak il-grupp ta' proġetti.”

(7) L-Artikolu 61 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, titħassar it-tieni sentenza;

(b) Il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura, permezz ta' verifiki amministrattivi u, jekk ikun meħtieġ, permezz ta' żjarat fuq il-post fl-istituzzjonijiet finanzjarji intermedji u għand il-benefiċjarju, li l-pagamenti lill-istituzzjonijiet finanzjarji intermedji huma konformi mal-liġi tal-Unjoni u mal-ftehim konkluż bejn l-awtorità kompetenti u l-istituzzjoni finanzjarja intermedja.”

(8) Fl-Artikolu 63, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. Il-piena amministrattiva msemija fil-paragrafu 1 għandha tiġi applikata *mutatis mutandis* għan-nefqa mhux eliġibbli identifikata waqt il-verifiki fuq il-post imsemmija fl-Artikolu 49.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika għal applikazzjonijiet għall-appoġġ jew għal talbiet għall-pagament b'rabta mas-snin tat-talba jew mal-perjodi tal-primjum li jibdew mill-1 ta' Jannar 2018.

Madankollu, il-punt 1 tal-Artikolu 1 għandu japplika għal talbiet għall-pagament għall-bhejjem b'rabta mas-snin tat-talba li jibdew mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
